**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 985/2017 AF**

**Fl-atti tal-ittra ufficcjali b'kambjala bin-numru 1175/2017 ipprezentata nhar it-28 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet:**

**Giovanni Briffa**

**vs**

**David Lauri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' David Lauri li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' ittra ufficcjali ippreżentata nhar it-28 ta' Marzu, 2017 fl-ismijiet "Giovanni Briffa v. David Lauri", kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala "Dokument DL1", l-intimat Giovanni Briffa interpella lill-esponenti sabiex iħallsu s-somma ta' erbgħa u tletin elf disa' mija u ħamsin Euro

(€34,950) allegatament rappreżentanti bilanċ fuq import ta' kambjala immaturata;

L-esponenti qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dritt li jopponi l-eżekuzzjoni tal-kambjala hawn fuq imsemmija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi jeżisitu raġunijiet gravi u validi sabiex tiġi opposta tali eżekuzzjoni u senjatament:

## 1. Użura

1.1. Kemm il-kambjala annessa mal-fuq imsemmija ittra uffiċċjali ta' nhar it-28 ta' Marzu, 2017 u anke s-self oriġinali huma nulli u mingħajr effett fil-liġi a tenur ta' l-artikoli 966 (d), 985, 986 (2), 987, 990 u 991 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li huma simulati, illeċiti, ipprojbiti mil-liġi, kontra l-għemil xieraq u kontra l-ordni pubbliku u kontra l-interess ġenerali u dana billi l-kambjala in kwistjoni tkopri element ferm eċċessiv ta' użura;

1.2. Il-Qrati tagħna dejjem irritenew, anke fl-ambitu ta' l-azzjoni kambjarja, fejn b'liġi espressa ma hija permessa l-ebda eċċezzjoni kontra l-ħlas ta' l-import li jidher fuq wiċċ il-kambjala, illi, jekk jiġu mitluba, huma għandhom jindagaw jekk il-kambjala hijiex "imċappsa bl-użura" (ara per eżempju s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar il-15 ta' Novembru, 1985 fl-ismijiet **Joseph Mary Farrugia v. Gontram Borg noe**);

1.3. Anke fl-ambitu ta' proċeduri bħal dik odjerna ġie ritenut illi allegazzjoni ta' użura illi tiġi ippruvata almenu sal-grad ta' *prima facie* hija raġuni gravi u valida sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' kambjala. L-esponenti jirreferi għal żewġ digrieti mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Frar, 2008 fl-ismijiet **Giovanni Briffa v. Ronald Azzopardi** fejn ġie ritenut dan illi ġej:

*Il-ligi ma tispecifikax x'inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legislatur izda*

*intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m'ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni.*

*Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u* ***proviso*** *tieghu gie rez bhala procedura (****prima facie****) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem* ***prima facie*** *izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens.*

*Issa fil-kaz in ezami jezistu dawn ir-ragunijiet gravi u validi? Il-bazi ta' l-azzjoni tar-rikorrent hija l-element ta' uzura u l-konsegwenti nullità ai fini ta' l-artikolu 986(2) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jaghmilha cara dwar in-nullita` f'kaz ta' uzura. Anke fl-azzjoni kambjarja l-qrati rritenew li l-uzura tista' sservi ta' element li jigi indagat jekk il-kambjarja hija mcappsa bl-uzura (ara* ***Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg noe*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15/11/1985).*

*Hawn il-Qorti trid toqghod ferm attenta milli tesprimi l-opinjoni taghha li tali uzura tezisti fil-kaz in ezami jew le ghax tali ricerka tispetta lil din il-Qorti f'azzjoni* ***ad hoc*** *wara li jigu mressqa l-provi kollha relevanti. Izda fl-istess hin biex tara jekk jezistux dawk l-elementi gravi u validi necessarji ghall-kawza odjerna l-Qorti bilfors ghandha l-obbligu li tesprimi d-dubji ferm serji taghha dwar il-kaz in ezami jekk tali uzura kenitx applikata fil-kaz in ezami u dan senjalment meta wiehed jezamina d-dokumenti esebiti.*

1.4. Għalhekk jeżistu raġunijiet gravi u validi sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri;

## 2. Kawża illeċita stante ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 tal-Kap. 371 u ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 376

2.1. Kif ser jirriżulta ampjament matul is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, Giovanni Briffa (u anke missieru Emanuel Briffa) kien jinnegozja u jopera daqs li kieku bank illegali u kien jislef ammonti inġenti lil varji nies b'mod regolari u abitwali u dana mingħajr il-liċenzji meħtieġa skond il-liġi. Kien f'dan l-ambitu illi ġiet emessa l-kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri u billi l-imsemmi Giovanni Briffa ma kellux il-liċenzji meħtieġa skond il-liġi, il-*causa* għall-ħruġ tal-kambjala in kwistjoni hija milquta b'illegalità ossija għandha l-kawża illeċita u ma tistax tiġi esegwita;

2.2. L-esponenti jirreferi għall-artikolu 5 (1) tal-Kap. 371 (Att dwar il-Kummerċ Bankarju) li jgħid illi: *Ebda kummerċ bankarju ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti.* Fl-istess Att, *kummerċ bankarju* huwa definit kif ġej: *"kummerċ bankarju" tfisser il-kummerċ ta' persuna li kif speċifikat fl-artikolu 2A taċċetta depożitu ta' flus mill-pubbliku li jistgħu jiġu rtirati jew imħallsa lura fuq talba jew wara perijodu stabbilit jew wara avviż jew li tissellef jew tiġbor flus mingħand il-pubbliku (inkluż is-self jew ġbir ta' flus bil-ħruġ ta' obbligazzjonijiet jew stock ta' obbligazzjonijiet jew strumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxu dejn), f'kull każ bl-iskop li dawk il-flus jintużaw kollha jew f'parti billi jkunu mislufa lil terzi jew xort'oħra jkunu investiti akkont u għar-riskju tal-persuna li taċċetta dawk il-flus*;

2.3. Dawn huma proprju n-negozju u l-operazzjonijiet mingħajr liċenzja u kwindi illegali illi jagħmel l-intimat Giovanni Briffa;

2.4. Fiċ-ċirkostanzi hemm ukoll ksur ta' l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji) illi jiddisponi li: *Ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti.* Fl-istess liġi *istituzzjoni finanzjarja* hija definita bħala li *tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew tidħol biex twettaq xi attività elenkata fl-Ewwel Skeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qegħda twettaq dik l-attività* u fost l-attivitajiet imsemmija fl-Ewwel Skeda hemm imsemmi is-*self*;

2.5. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ġjà esprimiet il-pożizzjoni tagħha f'każ simili, għalkemm mhux identiku, b'sentenza mogħtija minnha nhar it-3 ta' Frar, 2012 fl-ismijiet **Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Limited et** fejn irriteniet dan illi ġej:

*L-aħħar aggravju hu illi l-kambjalijiet għandhom kawża illeċita, għax id-dejn inkorporat fihom huwa ġej minn negozju fi flus barranin, bi ksur tal-art. 3(1) tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376), li jgħid illi "ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorita kompetenti", waqt illi l-para. 7(b) tal-Ewwel Skeda tal-Att igħid illi fost l-attivitajiet li jitqiesu ta' istituzzjonijiet finanzjarji hemm "negozju li persuna tagħmel f'isimha jew f'isem il-klijenti … … … fil-kambju ta' flus barranin".*

[…]

*F'dan l-istadju l-qorti trid tara biss jekk hemmx raġunijiet gravi biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjalijiet u mhux biex tħassarhom. Dak l-eżerċizzju jsir fil-kawża li jiftaħ il-kreditur jekk it-talba għas-sospensjoni tintlaqa'. Il-qorti hija tal-fehma illi jidher, għall-inqas prima facie, illi tassew illi l-intimat mar-rikorrenti kien jagħmel negozju ta' kambju ta' flus barranin, u dan huwa biżżejjed biex tissospendi l-*

*eżekuzzjoni tat-titolu għax seta' jtebba' l-causa tal-ħruġ tal-kambjali b'illegalita.*

*L-ewwel qorti qalet illi, ukoll jekk il-causa għall-ħruġ tal-kambjalijiet kienet waħda illeċita, ir-rikorrenti kienu kompliċi fl-illegalita u għalhekk ma jistgħux jinqdew b'dik l -illegalita biex jiksbu s-sospensjoni għax ex turpi causa non oritur actio. Dan ir-raġunament iżda huwa ħażin għax, għalkemm ir-rikors tallum għamluh ir-rikorrenti, huwa l-intimat illi beda l-proċedura – maħsuba biex tissostitwixxi kawża – għall-ħlas u għalhekk huwa l-intimat li jitqies actor. Se mai, il-prinċipju li jgħodd għall-każ huwa in pari causa turpitudinis melior est condicio possidentis.*

2.6. Anke għalhekk jeżistu raġunijiet gravi u validi sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri;

2.7. Dwar dawn iż-żewġ raġunijiet, l-esponenti qiegħed preżenzjalment jindika l-intenzjoni tiegħu illi jirraporta l-aġir kriminali lill-awtoritajiet fosthom dawk fiskali u lill-pulizija eżekuttiva għall-investigazzjoni tagħhom.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. A tenur ta' l-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi u twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjala annessa mal-fuq imsemmija ittra ufficcjali ippreżentata nhar it-28 ta' Marzu, 2017 u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Giovanni Briffa li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fit-28 ta' Marzu 2017, l-esponenti kien ipprezenta l-ittra ufficcjali bin-numru 1175/2017 (Dok. A) kontra David Lauri ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fis-27 ta' Ottubru 2017 Lauri ipprezenta r-rikors tieghu ai termini tal-istess artikolu.

Ghaldaqstant l-esponenti xtaq jirrileva s-segwenti sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet imressqa fir-rikors odjern.

L-imsemmi David Lauri kien fi zmien jopera flimkien ma' huh u missieru, u tramite socjetajiet ohrajn li fihom azzjonist, numru ta' hwienet tal-hwejjeg. L-esponenti ghandu negozju ta' *commission agency* u xogholu hu illi jaghmel brokerage ta' transazzjonijiet bejn importaturi u esportaturi ta' prodotti tessili.

Fis-sena 2013 kien sar self brevi manu bejn il-partijiet. Bhala garanzija ghal parti minn dan is-self fl-24 ta' Dicembru 2013 David Lauri kien iffirma kambjala ghas-somma ta' hamsa u sittin elf (€65,000). Il-hlas lura ta' din il-kambjala kellu jsir sal-1 ta' Settembru tas-sena 2014.

Minn dan is-self ghad fadal bilanc ta' €34,950 tant illi fil-31 ta' Dicembru 2016, l-istess David Lauri kien ghamel il-gira fuq cheque mahrug f'ismu minghand is-socjetà li taghha huwa l-unika direttur u azzjonist Fashion Retailers Enterprises Limited ghal dan l-ammont u kien ukoll ghaddih lill-esponenti. Kopja ta' dan ic-cheque hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B".

Ghaldaqstant huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet maghmula minn David Lauri illi b'xi mod il-pretensjonijiet tal-esponenti huma mcappsa bl-uzura skond ma jallega hu.

Huma daqstant iehor ludirki l-allegazzjonijiet illi saru illi l-esponenti qieghed b'xi mod jopera bhala bank. Bejn il-partijiet kien hemm self brevi manu, *sic et simpliciter*. Skond ma jidher *icto oculi* mid-disposizzjonijiet tal-Art. 5 tal-Kap. 371, il-licenzja bankarja hija mehtiega biss fil-kaz illi persuna tkun qed topera kummerc bankarju. Bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista'

self minn parti privata lill-ohra jitqies bhal li kieku qed jigi operat xi kummerc bankarju.

Ghaldaqstant, ma tirrizulta l-ebda raguni gravi u valida abbazi ta' liema ghandha tigi ordnata s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri.

Ghalhekk it-talbiet ta' David Lauri ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensur tar-rikorrent.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija proċedura ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għall-garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ, biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note*, tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti ġie interpellat minn Giovanni Briffa permezz ta' ittra uffiċjali li saret nhar it-28 ta' Marzu 2017 sabiex iħallas is-somma ta' €34,950 rappreżentanti bilanċ fuq import ta' kambjala datata 24 ta' Diċembru 2013. L-

ammont oriġinali tal-kambjala kien ta' €65,000 u skont l-istess kambjala kien jirrappreżenta self. Din l-ittra ufficcjali saret a tenur tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12. Ir-rikorrent ipproċeda bir-rikors odjern sabiex ai termini tal-istess artikolu tal-liġi jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

Ir-rikorrenti jikkontendi li l-kambjala in kwistjoni tinvolvi użura kif ukoll li l-konvenut Giovanni Briffa jopera daqs li kieku huwa bank jew istituzzjoni finanzjarja mingħajr il-liċenzja meħtieġa mill-awtoritajiet u dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 371 u tal-artikolu 3 tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi, tal-5 ta' Frar 2008, dwar l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12:

> *"Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzzjoni tal-kambjala tista' tigi sospiza u cioè li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta' l-ezekuzzjoni. F'dak il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-dispozizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-ligi ma tispecifikax x'inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m'ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni.*
>
> *Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu gie rez bhala procedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem prima facie izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti*

*meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens*."

Skont ir-rikorrenti, il-konvenut, u qablu missieru, issellef ammonti kbar ta' flus lil firxa ta' nies bl-użura u l-kambjala mertu tal-każ kellha sservi bħala garanzija għal self li kien oriġinarjament sar minn missier il-konvenut, Emanuel Briffa, lill-missier ir-rikorrenti, Joseph Lauri. Ir-rikorrenti jinsisti li l-konvenut qatt ma ried li jitħallas il-kapital imma kull sena kien jitlob ħlas ta' imgħax fuq is-somma mislufa b'rata ogħla minn dik li tippermetti l-liġi.

Wara li fliet il-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-dubji serji tagħha dwar il-verżjoni tal-konvenut. Il-konvenut jinsisti li huwa jaħdem bħala *commission agent* u n-negozju bejn il-partijiet kien isir billi huwa jissellef mill-bank, jgħaddi l-flus lir-rikorrenti jew lil ħuħ sabiex dawn tal-aħħar jixtru merkanzija għan-negozju, u fuq kull somma flus li kien javvanzalhom, kien iżommilhom *commission* ta' 12% li skont hu kienet tinkludi l-imgħax tal-bank. Għal kull somma flus li kien javvanza l-konvenut, il-partijiet kienu jiffirmaw kambjala li tkopri l-ammont avvanzat.

Madanakollu, il-verżjoni tal-konvenut la hija verosimili u lanqas kredibbli. Mill-atti jirriżulta li bejn Frar tal-2011 u Diċembru tal-2013 huwa avvanza €658,000 lill-aħwa Lauri imma skrittura li tirregola r-relazzjoni ta' bejniethom ma teżistix u lanqas il-konvenut ma qatt ivverifika x'kien qiegħed isir bil-flus. Din il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen li l-konvenut kien ser joħroġ dawn il-flus kollha mingħajr ma jkollu xi ħaġa bil-miktub x'juri, li kieku verament in-negozju bejn il-partijiet kien wieħed leċitu. Il-verżjoni tal-konvenut tieħu xejra aktar dgħajfa meta wieħed iqis ix-xhieda xejn konvinċenti tiegħu fejn saħansitra lanqas kien ċert jekk il-*commission* ta' 12% li jsemmi preċedentement kinitx tkun inkluża fil-kambjali jew le.

Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li, ai fini tal-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12, l-allegazzjoni li l-kambjala in kwistjoni tista' possibilment tinvolvi użura, prima facie tirriżulta.

Għaldaqstant, mhuwiex meħtieġ li din il-Qorti tinvesti wkoll il-mertu tal-allegazzjonijiet l-oħra tar-rikorrenti ġjaladarba li abbażi ta' dak fuq ikkunsidrat, l-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni ser tiġi sospiża.

Ghaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala imsemmija fl-ittra ufficcjali bin-numru 1175/2017 preżentata minn Giovanni Briffa nhar it-28 ta' Marzu 2017.

L-ispejjeż jitħallsu minn Giovanni Briffa.

IMHALLEF

DEP/REG